Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

No: 10/15

**AVVIŻI**

**27 ta' Diċembru 2015**

Illum hu l-aħħar Ħadd tax-xahar, il-ġabra speċjali tmur għall-bżonnijiet tal-parroċċa. Kif tafu matul il-jiem tal-festi l-ispejjeż ikunu akbar minn tas-soltu, għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi. Il-Ġabra ta' Novembru kienet ta' €354.75.

Għad fadal xi kopji tac-CD tal-Milied "Ħelu Bambin 2". Tistgħu tiksbu din is-CD b'risq id-Dar tal-Providenza mis-sagristija.

Nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru bejn id-9 u nofsinhar isir il-party tal-Milied għat-tfal tal-parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Nhar il-Ħamis 31 ta' Diċembru nirringrazzjaw lil Alla għas-sena li għaddiet fil-quddiesa tas-6.15pm.

Nhar is-Sibt 2 ta' Jannar huwa l-ewwel Sibt tax-xahar. Fil-5.15pm ikollna siegħa adorazzjoni Ewkaristika u fil-quddiesa tas-6.15pm niċċelebraw il-Festa tal-Epifanija.

Nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar fil-5pm jerġgħu jibdew il-provi tal-kant tal-kor tat-tfal.